MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 134/2004

**Angelo Cauchi, u
Speranza Cauchi**

**vs**

**Salvatore Cassar, u
Lisa Jane Grech**

**Illum l-Ġimgħa, 1 ta’ Novembru 2013**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-attur huma propjetarji tal- (sic), u residenti fil-(sic), fond bin-numru sittex (16) Triq l-Isqof Molina, Għarb, Għawdex.

Illi l-konvenut Salvu Cassar huwa propjetarju tal-fond bin-numru ħmistax (15) Triq l-Isqof Molina, Għarb, Għawdex, filwaqt illi l-konvenuta Lisa Jane Grech hija propjetraja tal-fond numru sbatax (17) Triq l-Isqof Molina Għarb, Għawdex, liema żewġt propjetajiet jiġu maġemb il-fond ta' l-atturi.

Illi is-sistema ta' l-ilma tax-xita ta' dawn iż-żewġt fondi tal-konvenuti hija waħda illegali, stante illi huma qabbdu is-sistema ta' l-ilma tax-xita tal-bjut u l-bqija tal-fond, mas-sistema tad-drenaġġ.

Illi barra minn dan is-sistema fiha xi difetti tekniċi oħra.

Illi kull meta tagħmel ix-xita, anke f'ammonti żgħar, ammont sostanzjali ta' ilma tax-xita u drenaġġ qiegħed kull darba jispiċċa fil-kantina tal-fond ta' l-atturi tant illi f'xi stadji kien hemm madwar disa filati ilma u drenaġġ matul il-kantina kollha.
Illi l-atturi interpellaw lil konvenuti diversi drabi sabiex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni, u ċioe sabiex jirranġaw kwalunkwe difetti fis-sistema ta' ilma tax-xita u drenaġġ, kif ukoll ma jkomplux iħallu l-ilma tax-xita jmur għal mad-drenaġġ u l-atturi ma jridux illi jkomplu jsofru dan fi ħwejjiġhom.

Illi minkejja dawn l-interpellazzjonijiet, li saru anke tramite d-dipartiment tas-sanita, l-konvenuti bqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi is-sistema ta' l-iskular ta' l-ilma tax-xita fil-fond tal-konvenuti fuq imsemmija ċioe tal-fond bin-numru ħmistax (15) Triq l-Isqof Molina, Għarb, Għawdex proprjeta tal-konvenut Salvu Cassar u tal-fond numru sbatax (17) Triq l-Isqof Molina Għarb, Għawdex propjeta tal-konvenuta Lisa Jane Grech, hija llegali stante illi hija imqabbda mad-drenaġġ, u barra minn hekk hija

wkoll difettuża, għaliex dan l-ilma tad-drenaġġ, b'xi mod qiegħed jispiċċa fil-proprjeta ta' l-atturi ċioe fil-fond bin-numru sittax (16) Triq l-Isqof Molina, Għarb, Għawdex.

2. Tikkundanna lil konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss huma jgaħmlu dawk ix-xogħolijiet kollha neċessarji u opportuni sabiex tali ilma tax-xita u drenaġġ ma jkomplux jispiċċaw fil-fond ta' l-atturi kif imsemmi.

3. Tinnomina perit sabiex jissorvelja dawn ix-xogħolijiet.

4. Tawtorizza lil atturi sabiex fl-eventwalita li l-konvenuti jonqsu li jagħmlu dawn ix-xogħolijiet huma, l-atturi jesegwixxi dawn ix-xogħolijiet huma stess a spejjes ta' l-istess konvenuti.

Bl-ispejjes kollha nklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali bin-numru 781/04, u bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Angelo Cauchi.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Salvatore Cassar li permezz tagħha eċċepixxa :

1. Illi in linea preliminary Angelo Cauchi jrid jipprova l-interess li huwa għandu f'din il-kawża;

2. Illi t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi;

3. Illi l-eċċipjenti m'għandu ebda sistema fid-dar tiegħu li permezz tagħha l-katusi li jilqghu l-ilma tal-bjut huma mghaqqdin mas-sistema tad-drenaġġ tiegħu, iżda l-istess ilma tal-bjut jaqa' f'gulley li hemm fil-bitħa tiegħu u jgħaddi minn kanal jew kanali u jispiċċa fil-proprjeta' ta' terzi mhux l-atturi , kif ilu hekk sa mill-antik, billi l-fond tal-eċċipjenti jgawdi dan is-servitu' bħalma huwa soġġett ukoll għas-servitu' li jirċievi l-ilma tal-bjut

mill-fond tal-atturi, u mill-liema kanali ma jgħaddi ebda drenaġġ u mhuwiex probabbli dak li qed allegat mill-atturi li l-ilma tal-bjut tal-eċċipjenti qed jispiċċa jew joskula fil-proprjeta' tal-istess atturi u wisq u wisq anqas li qed ikun imħallat bid-drenaġġ;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta Lisa Jane Grech li permezz tagħha eċċepiet :

1. Preliminarjament il-karenza ta' interess ġiuridiku tal-attur Anġelo Cauchi peress illi m'huwiex il-propjetarju tal-fond bin-numru sittax (16), Triq l-Isqof Molina, Għarb u l-anqas m'hu residenti fl-istess fond. Għaldaqstant, iċ-ċitazzjoni pprezentatat minnu hija nulla u monka.

2. Preliminarjament ukoll in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli qorti *ratione materiae* stante illi l-Kodiċi imkien ma' jipprojbixxi illi s-sistema ta' l-iskular ta' l-ilma fil-fond tal-konvenuti tiġi mqabbda mas-sistema tad-drenaġġ u dana bla preġudizzju għall-fatt jekk effettivament dak allegat mill-atturi huwiex minnu jew le.

3. Fil-mertu, it-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt kif ser jiġi ppruvat.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta maħlufa minnha.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Marzu 2005 fejn innominat lill-A.I.C. Walter Portelli bħala perit tekniku f'din il-kawża.

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Jannar 2006 fejn irrevokat l-inkarigi tal-A.I.C. Portelli u ssostitwietu bl-A.I.C Joseph Mizzi fl-istess inkarigu.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-A.I.C. Joseph Mizzi li tinsab a fol. 89 - 94 tal-proċess u li ġiet minnu ppresentata fil-10 ta' Diċembru 2010 u maħlufa fis-17 ta' Ġunju 2011.

Rat in-Nota tal-atturi tat-20 ta' April 2012 fejn ċedew il-mertu tal-kawża, u żammew ferm il-kap tal-ispejjeż.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi.

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi riedu li l-konvenuti jiġu mġegħla jagħmlu x-xogħolijiet meħtieġa sabiex l-ilma tax-xita li jinġabar fuq il-bjut tad-djar rispettivi tagħhom, ma jibqax jintefa' ġo s-sistema tad-drenaġġ, li minħabba ħsarat fiha kien qed jispiċċa fil-kantina tad-dar tagħhom.

Il-konvenuti ċaħdu dak allegat mill-atturi.

Fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża, wara li fuq struzzjonijet tal-Qorti f'aċċess li nżamm fil-fond tal-konvenut Cassar, kien inkixef kanal antik tal-ilma li kien hemm fil-bitħa nterna taħt il-madum u jmiss mal-ħajt diviżorju bejn il-fond tiegħu u dak tal-atturi, u dana biex jiġi nvestigat jekk kienx hemm xi ilma jnixxi minn hemm,[1] l-atturi ddikjaraw li ma kienux għadhom qed jirċievu ilma kontaminat mingħand il-konvenuti, u għalhekk ċedew il-mertu tal-kawża. [2]

Billi l-mertu huwa eżawrit, din is-sentenza tirrigwarda biss il-kap tal-ispejjeż. Irid jiġi għalhekk investigat jekk l-atturi kienux ġustifikati fil-kontensjoni li l-ilma li kien qed jinżel fil-

[1] Ara ritratti annessi mar-rapport peritali a fol. 95, 96
[2] Ara Nota tal-20 ta' April 2012 a fol.104

kantina tagħhom kien ġej mis-sistema tad-dranaġġ difettuza tal-konvenuti. Meta wara l-aċċess tat-18 ta' Ġunju 2010 inkixef il-kanal antik hawn fuq imsemmi, fil-presenza tal-perit Mizzi, u dan billi kien qed jiġi allegat li l-konvenut Cassar kellu xi katusi tad-dranaġġ imqabdin ma' dan il-kanal, ma nstab xejn minn dan. Il-kanal kien xott għal kollox u taħtu kien hemm il-blat u mhux trab kif ħasbu l-atturi.[3] L-atturi jridu jsostnu li, wara li telaq il-perit minn fuq il-post, u t-tfal tal-konvenut ġew biex jerġgħu jagħlqu l-kanal, saru xi xogħolijiet bħal kisi bis-siment, biex ma jkunx jista' jibqa' jiskula ilma minn dan il-kanal u għalhekk kienu issa f'posizzjoni li jċedu l-mertu. Dan pero' ġie kategorikament miċħud minn ulied il-konvenut Cassar.[4] Il-perit tekniku da parti tiegħu baqa' ma jistax jgħid minn fejn kien qed jiġi l-ilma li kien hemm fil-kantina ta' l-atturi. Lanqas ma nstabu xi katusi tad-dranaġġ miksurin jew imxaqqin fil-fond ta' Cassar.[5]

L-ispetturi sanitarji li nvestigaw ukoll dan l-ilment tal-atturi, għamlu diversi testijiet fuq l-ilma li kien hemm fil-kantina tal-atturi. Minn dawn irriżultalhom li dan l-ilma ma kienx kontaminat, imma kien x'aktarx ilma tal-vit jew tax-xaba', li jkun ġej mill-blat. Huwa minnu illi fil-bitħa tal-konvenut Cassar sabu li kien qed jaqa' ilma minn pajpijiet ta' *sink* u *shower* li ma kenux imqabbda sew mal-*gulley* tad-dranaġġ, u għalhekk ġie imġiegħel jagħmel ir-riparazzjonijiet meħtieġa.[6] Imma, apparti l-fatt li dawn il-ħsarat ma kellhomx x'jaqsmu mal-mertu tal-kawża, li kien jitratta l-**ilma tax-xita** allegatament imqabbad b'mod illegali mas-sistema tad-dranaġġ, irriżulta li dan l-ilma kien qed imur f'direzzjoni oħra, u mhux lejn il-kanal in kwistjoni.[7]

Fis-26 ta' Ottubru 2011 l-attur Angelo Cauchi reġa' għamel rapport mad-Dipartiment tas-Sanita' f'Għawdex, li kien qed jerġa' jirċievi l-ilma kontaminat fil-kantina tad-dar tiegħu, għalkemm f'volum inqas minn qabel. L-ispetturi

---

[3] Ara rapport peritali a fol. 92 – 93
[4] Ara deposizzjoni ta' Pasquale Cassar a fol. 206 – 210, u dik ta' Francis Cassar a fol.211 - 217
[5] Ara konkluzjonijiet peritali a fol. 93 – 94 u deposizzjoni tieghu a fol. 200 - 204
[6] Ara ittra relattiva esebita a fol. 184
[7] Ara deposizzjoni ta' Domenic Formosa 176 -183, u ta' Aldo Portelli a fol. 186 -199

sanitarji għalhekk aċċedew mill-ġdid fuq il-post u għamlu t-testijiet meħtieġa. Irriżultalhom illi l-ilma fil-kantina din id-darba kellu traċċi ta' fosfati, imma l-ilma li seta' kien qed inixxi fil-fond tal-konvenuta Grech għal ġo maxtura f'din il-kantina kien nadif. Mandankollu nnutaw li l-attur kellu xi pajpijiet, li kienu jirċievu l-ilma maħmuġ mill-kamra tal-banju tiegħu, li ma kienux imqabbdin sew mal-*gulley* tad-dranaġġ, u għalhekk seta' ġara' li dan l-ilma kien qed iċarċar fil-bitħa tiegħu u jispiċċa fil-kantina.[8]

F'tali ċirkostanzi, fejn ma rriżultax li l-atturi kienu qed jirċievu fil-kantina tagħhom xi ilma kontaminat provenjenti mis-sistema tad-dranaġġ rispettiva tal-konvenuti, tenut kont ukoll li din il-kantina baqgħet tirċievi ilma, minkejja li l-atturi kienu ddikjaraw li l-problema ġiet solvuta, żgur li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw fuq bilanċ ta' probabilta' li l-ilma li kien qed jiskula fil-kantina tal-fond tagħhom kien qed jorriġina mill-ilma tal-bjut tal-konvenuti, u wisq inqas li kien qed jitħallat mad-dranaġġ fil-fondi rispettivi tagħhom, qabel ma jispiċċa fl-istess kantina.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi dwar il-kap tal-ispejjeż, u peress li l-atturi ma ppruvawx dak allegat minnhom fiċ-ċitazzjoni tagħhom, billi tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jiġu ssoportati unikament mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[8] Ara Dok.AP 1 a fol. 134 -135. u deposizzjoni ta' Aldo Portelli a fol. 222 -236